MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 30/2006

Maltacom plc

vs

Maria Buhagiar

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi l-konvenuta ghandha tigi ikkundannat thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm708.61) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21463737 (A/C no. 40034819), liema servizz gie installat fuq struzzjonijet tal-konvenuta skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement" anness mal-avviz tat-talba u markat bhala dokument "A".

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenuta giet debitament innotifikat bil-procedura tal-ffissjoni ai termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap.12, u baqghet ma dahhlet ebda risposta u lanqas ma deheret personalment ghall-udjenzi tat-12 ta’ April 2007, u tal-24 ta’ April 2007.

Fl-udjenza tat-12 ta’ April 2007, it-Tribunal gie nfurmat li fil-11 ta’ April 2007, kien intlahaq ftehim bejn is-sojeta’ attrici u l-konvenuta ghall-hlas tal-ammont imsemmi fl-avviz tat-talba, u li l-konvnuta kienet hallset pagament akkont ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500).

Sama’ lil Emanuel Cini, *customer service officer* mal-kumpanija Maltacom plc, bil-gurament fl-udjenza tal-24 ta’ April 2007, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenuta, u esibixxa bhala dokument EC1 kopja tal-Payment Programme Agreement li gie ffirmat fil-11 ta’ April 2007, u bhala dokument EC2 rendikont tat-telefonati li saru minn fuq is-servizz tat-telefon bin-numru 21463737 ghall-perjodu bejn id-19 ta’ Mejju 2004 sal-11 ta’ Jannar 2006.

Ra d-dokumenti l-ohra kollha.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tmien Liri Maltin u wiehed u sittin centesimi (Lm208.61) bilanc minn somma akbar ta’ seba’ mija u tmien liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm708.61) kif imsemmi fl-avviz tat-talba, li ghadha dovuta lis-socjeta’ attrici u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma bilancjali b’effett mill-11 ta’ Jannar 2006 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-

socjeta’ attrici nkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------